



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

15.7.2014

B8-0058/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-Impjieg taż-Żgħażaġħ
(2014/2713(RSP))

**Marian Harkin, Beatriz Becerra Basterrechea, Martina Dlabajová,
Mircea Diaconu, Ivo Vajgl, Anneli Jäätteenmäki, Marietje Schaake**
f'isem il-Grupp ALDE

RE\1031608MT.doc

PE536.959v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ
(2014/2713(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 intitolata "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ" (COM(2011)0933),
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija orali lill-Kummissjoni u r-Riżoluzzjoni akkumpanjanti tal-Parlament tal-24 ta' Mejju 2012 dwar "L-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ"¹;
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "Inressqu ż-Żgħażaġħ lejn l-Impjieġi" (COM(2012)727),
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2013 dwar Garanzija għaż-Żgħażaġh²,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh: soluzzjonijiet possibbli³,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-UE⁴,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ekonomija tal-UE qed tirkupra gradwalment u, għall-ewwel darba mill-2011, il-qgħad, il-PDG u d-dħul għall-familji qed jiżdiedu;
- B. billi l-livelli tal-qgħad għaż-żgħażaġh jibqgħu allarmanti, fejn f'April 2014 22.5 % ta' żgħażaġh attivi kienu mingħajr impjieġ, b'7.8 % fil-Ġermanja sa 'l fuq minn 50 % fil-Ġreċja, Spanja u l-Kroazja, li jindikaw differenzi ġeografiċi notevoli;
- C. billi 7.5 miljun Ewropew taħt l-età ta' 25 sena la qegħdin jaħdmu u lanqas jistudjaw jew jitħarrġu (NEETs); billi dawn iċ-ċifri qed ikomplu jiżdiedu, b'tali mod li hemm ir-riskju ta' ġenerazzjoni mitlufa;

¹ ĠU C 264E, 13.9.2013, p. 69.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0016.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)00365.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2014)0037.

- D. billi politiki attivi tas-suq tax-xogħol u strateġiji ta' attivazzjoni huma fatturi ewlenin li jgħinu lil dawk qiegħda jsibu impjieg deċenti;
 - E. billi strateġija ta' tkabbir tal-UE, li tikkapitalizza fuq l-użu tal-potenzjal sħiħ tas-swieq komuni tagħna, hija ugwalment neċessarja biex jiġi żgurat ħolqien tal-impjiegi sostenibbli;
 - F. billi minkejja livelli ġenerali għoljin tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, ċerti setturi bħall-ICT u setturi tas-saħħa dejjem qed jiffaċċjaw iktar diffikultà biex jimlew postijiet vakanti b'persunal ikkwalifikat;
 - G. billi f'xi Stati Membri tista' tiġi osservata diskrepanza li qed tikber bejn il-kwalifiki tal-gradwati u r-rekwiżiti tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol;
 - H. billi, minħabba l-enfasi tagħha fuq ħiliet prattiċi, is-sistema doppja tat-taħriġ vokazzjonali u l-korsijiet tal-lawrja li jikkombinaw lati akkademiċi u vokazzjonali, li titħaddem f'uħud mill-Istati Membri, tat prova tas-siwi tagħha, b'mod partikolari tul il-kriżi, billi żammet il-livelli tal-qgħad fost iż-żgħażaġh aktar baxxi billi liż-żgħażaġh ħejjiethom aħjar għax-xogħol;
 - I. billi jistgħu jiġu osservati diskrepanzi ġeografiċi bejn il-provvista ta' u d-domanda għal impjiegi u ħiliet kemm fi ħdan u kemm bejn l-Istati Membri;
 - J. billi hemm żewġ miljun postijiet vakanti fl-UE u hemm opportunità li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-libertà ta' moviment tal-ħaddiema; billi l-mobilità bejn l-Istati Membri, madankollu, tgħodd biss mat-2.8 %;
 - K. billi l-appoġġ finanzjarju jista' jgħin lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, partikolarment mill-Fond Soċjali Ewropew u fil-kuntest tal-Inizjattiva tal-Impjiegi taż-Żgħażaġħ u tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;
1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu miżuri b'saħħithom biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażaġh, partikolarment permezz ta' azzjoni preventiva kontra t-tluq bikri mill-iskola jew billi jippromovu skemi ta' taħriġ jew apprendistat (pereżempju billi jwaqqfu sistema doppja ta' edukazzjoni jew forom oħra ta' oqfsa ugwalment effiċjenti), biex jiżviluppaw strateġiji komprensivi għaż-żgħażaġh li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) u biex jimplementaw Skema nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ b'mod sħiħ;
 2. Jistieden lill-Istati Membri jħeġġu politiki li jippromovu t-tkabbir u jitlob azzjoni fil-livell tal-UE f'termini ta' strateġija ta' tkabbir Ewropew, fejn l-investment fis-setturi ewlenin bħas-suq diġitali, is-suq tat-telekomunkazzjoni u ta' komunità ta' enerġija komuni, kif ukoll l-iżvilupp tagħhom, jipprovdu impjiegi sostenibbli;
 3. Jistieden lill-Istati Membri jiffokaw fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ jew apprendistat għas-setturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jimlew postijiet vakanti b'persunal ikkwalifikat;
 4. Jemmen, barra minn hekk, li aċċess aktar faċli għall-iffinanzjar u regoli aktar sempliċi

għall-ħolqien ta' negozji ġodda għandhom jingħataw prijorità sabiex tingħata spinta lill-SMEs u biex tiġi żgurata s-sopravvivenza tal-SMEs eżistenti, fejn il-parti l-kbira tal-impjiegi l-ġodda jinħolqu;

5. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea titlob b'mod attiv appoġġ u inizjattivi kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni mas-settur privat fl-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh;
6. Jistieden lill-Istati Membri jeliminaw il-burokrazija għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-intrapriżi ż-żgħar, jintroduċu politiki tat-taxxa favorevoli, jistabbilixxu klima aktar favorevoli għall-investimenti privati u jindirizzaw liġijiet ta' falliment b'piani sproporzjonali meta jikkumbattu l-qgħad;
7. Ihegġegħ lill-Istati Membri jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki u l-prattiki bl-akbar suċċess u biex jikkoordinaw l-istrateġiji tagħhom u jsibu soluzzjonijiet komuni għall-problema tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, mhux biss għaliex f'ċerti żoni ġeografiċi l-qgħad jista' jiġi indirizzat l-aħjar permezz ta' miżuri transkonfinali konġunti, iżda wkoll peress li l-livell tal-qgħad jikkostitwixxi sfida għall-ekonomija tal-UE b'mod ġenerali;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw tipi ġodda ta' ekonomija, speċjalment l-intraprenditorija soċjali, co-working, crowdsourcing u jipprovdu miżuri ta' appoġġ għall-kooperattivi taż-żgħażaġh u l-bidu ta' intrapriżi soċjali;
9. Jenfasizza li s-sistema doppja tat-taħriġ vokazzjonali u l-istudju fuq żewġ binarji, bil-konċentrazzjoni tagħhom fuq l-esperjenza prattika, il-kriżi ekonomika ssuperawha b'mod partikolarment tajjeb, u għenu biex ibaxxu l-qgħad fost iż-żgħażaġh billi lil dawn tal-aħħar ħejjewhom aħjar għax-xogħol, u jistieden għalhekk, lill-Istati Membri milquta mill-kriżi biex iqisu li jirrifurmaw is-sistema ta' taħriġ tagħhom flimkien fuq dawn il-linji;
10. Jistieden lill-Istati Membri jtebu l-kooperazzjoni bejn in-negozji u s-settur tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, bil-għan li l-kurrikula jkunu marbuta aħjar mad-domanda tas-suq tax-xogħol; iħeġġiġhom jagħtu prijorità lill-EURES bħala għodda ta' preferenza għal dawk li jfittxu impjieg u l-offerti ta' impjiegi biex tiġi ggarantita l-mobilità;
11. Jenfasizza, madankollu, li l-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-livell nazzjonali għandhom jiġu implimentati flimkien ma' sforzi strutturali u riformi tas-swieq tax-xogħol sabiex l-Istati Membri kollha jkunu jifilħu għall-isfidi tal-gejji;
12. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jinkorporaw attivament applikazzjoni taħt l-Inizjattiva tal-Impjiegi taż-Żgħażaġħ meta japplikaw għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, fejn applikabbi, u jitlob lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-Intraprenditorija taż-Żgħażaġħ f'dan il-programm;
13. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiddeċiedu favur iż-żieda fl-età tal-benefiċjarji tal-"miżuri dwar il-qgħad fost iż-żgħażaġh" minn 24 għal 30 sena, peress li wara seba' snin ta' kriżi, iż-żgħażaġh li tilfu l-impjiegi tagħhom f'setturi bħall-bużżieqa immobiljari, mingħajr taħriġ solidu minn qabel, diġà qabżu l-24 sena;
14. Ihegġegħ lill-Istati Membri jirrevedu r-regoli tas-suq tax-xogħol, kif ukoll l-iskemi tas-

sigurtà soċjali tagħhom, fejn dawn jippreżentaw ostakli għaż-żgħażaġh biex ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jassoċjaw il-politiki tal-impjeg taż-żgħażaġh b'kuntratti tax-xogħol ta' kwalità u sostenibbli sabiex jindirizzaw iż-żieda fil-prekarjetà strutturali u r-rata baxxa tal-impjeggi;
16. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod rigoruż il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-protezzjoni taż-żgħażaġh fil-post tax-xogħol u jikkumbattu kwalunkwe abbuż billi jsaħħu l-kontrolli minn ispettorati tax-xogħol nazzjonali;
17. Jenfasizza li l-ekonomija Ewropea teħtieġ sforzi sabiex issaħħa, pjutost milli tillimita, il-moviment liberu u l-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-moviment liberu għaċ-ċittadini u l-ħaddiema kollha ħalli jkun hemm żvilupp ta' suq tax-xogħol ġenwin tal-Unjoni, jitneħħew il-konġestjonijiet u l-ħaddiema tal-UE jkunu jistgħu jiċċaqalqu lejn żoni fejn hemm domanda għall-ħiliet tagħhom;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jtejbu t-trasparenza u r-rikonossiment tal-kwalifiki fl-Unjoni, partikolarment permezz tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, l-Europass u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;
19. Jissottolinja l-importanza għaż-żgħażaġh li jiksbu ħiliet trasversali bħal pereżempju ħiliet fl-ICT, ħiliet ta' tmexxija, ħiliet fil-ħsieb kritiku u fil-lingwi, anki bl-istudju barra mill-pajjiż, biex jitjiebu l-prospetti taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u l-adattabilità tagħhom għal żviluppi futuri fis-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà;
20. Ifakkar li fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kreattività huma essenzjali biex jinħolqu l-innovazzjoni, il-produttività u t-tkabbir fl-Ewropa; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta' Erasmus għal Kulħadd u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tindirizza d-diskrepanza fl-istandards tal-edukazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u r-rikonossiment sħiħ ta' diplomi mal-UE kollha;
21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jneħħu l-ostakli eżistenti għall-apprendistati, l-iskemi ta' taħriġ, u l-internships transkonfinali, biex jilhqgħu aħjar il-provvista u d-domanda ta' opportunitajiet ta' taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol għaż-żgħażaġh;
22. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha jiżguraw l-adozzjoni rapida tad-direttivi dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' nazzjonali minn pajjiżi terzi għall-iskopijiet ta' riċerka, studji, skambji ta' studenti, taħriġ b'remunerazzjoni u mingħajrha, servizz volontarju u ta' au-pair, sabiex ikun iktar faċli li ż-żgħażaġh ikunu mħejjija għax-xogħol;
23. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza li tirrifirma r-regolament dwar il-koordinament fil-qasam tas-sigurtà soċjali sabiex jiġi estiż minn tliet xhur għal sitt xhur il-perjodu minimu obligatorju li fih l-Istati Membri ta' oriġini huma obbligati jipprovdu benefiċċji għaċ-ċittadini tagħhom; iqis li tali proposta tgħin biex persuni li jfittxu x-xogħol jingħataw sigurtà meta jmorru f'pajjiżi oħra tal-UE u biex jonqsu l-kostijiet fiskali għall-Istati Membri ospitanti, filwaqt li jkun hemm għassa

wkoll għal kwalunkwe abbuż;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.